DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA, ,INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA FRN 1810

DEPARTMENT FOR RESEARCH, CURRICULUM INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA FRN 1810

**Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u Innovazzjoni**

# Il-flessibbiltà - l-aħjar għodda fl-edukazzjoni għall-adulti u d-diżabbiltà

L-edukazzjoni għall-adulti u d-diżabbiltà kien wieħed mis-suġġetti li ġew trattati fil-ħames laqgħa tal-grupp tematiku mtellgħa mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u Innovazzjoni fis-17 ta' Mejju, bħala parti mill-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2017.

Il-kelliema ewlenija kienet Rhoda Garland li hi d-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (KDPD). Hi spjegat fil-qosor l-istorja tal-edukazzjoni għal persuni b'diżabbiltà f'Malta, li hi taqsam fi tnejn: x'sar qabel l-1985 u x'sar wara, meta Malta ffirmat il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Qabel l-1985, l-edukazzjoni kienet segregata u ma kienx jinħass il-bżonn li tfal b'diżabbiltà jiġu mgħallma. Ir-riżultat kien adulti b'diżabbiltà li ma kellhomx il-ħiliet bażiċi, u b'nuqqas ta' kunfidenza u stima tagħhom infushom.

Semmiet kif waqt li sar titjib enormi matul dawn l-aħħar 30 sena, xorta għad fadal xi jsir: "Li għandna issa hu tfal b'diżabbiltà li qed jiġu mgħallma ma' tfal li m'għandhomx diżabbiltà imma mhux neċessarjament b'mod inklussiv. Il-kwistjoni issa hi li adulti b'diżabbiltà m'għandhomx il-ħiliet meħtieġa għad-dinja tax-xogħol. Għalhekk qed jinħass bżonn kbir biex adulti b'diżabbiltà javvanzaw fl-edukazzjoni għall-adulti. Mir-riċerka li saret fuq żgħażagħ b'diżabbiltà li qegħdin fi transizzjoni bejn skola u xogħol, irriżulta li dawn ma kellhomx fiduċja li se jsibu xogħol, għandhomx kwalifiki jew le, spjegat is-Sa Garland, minkejja li kien hemm żieda fl-impjiegi ta' persuni b'diżabbiltà.

Żiedet tgħid li f'Malta hemm żewġ tipi ta' edukazzjoni – dik *mainstream* u dik speċifika. Korsijiet tal-KDPD bħal Pathway to Independent Living Programme fl-MCAST huma eċċellenti għal persuni b'diżabbiltà intelletwali biex jiksbu ħiliet bażiċi minħabba li huma maħdumin apposta għalihom. Is-Sa Garland enfasizzat li anki persuni b'diżabbiltà estrema jistgħu jibbenifikaw minn dawn it-tip ta' programmi meta jingħataw appoġġ adegwat.

Is-Sa Garland semmiet kwistjoni oħra li jeħtieġ li tiġi indirizzata – dik tad-drittijiet legali. Il-leġislazzjoni Maltija tagħti ħafna drittijiet lil persuni b'diżabbiltà, imma minkejja li toffri edukazzjoni inklussiva, għad għandek skejjel li ma jaċċettawx tfal b'awtiżmu. Għalkemm Malta kienet waħda minn tal-ewwel li ffirmat il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda, xorta għad hemm kwistjonijiet fid-drittijiet tad-diżabbiltà, li wara kollox huma drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem ma jiswew xejn jekk tibqa' taffaċċja l-istess kwistjoni ta' spiss.

Il-liġijiet kollha qegħdin sew, mela x'hemm ħażin? Is-Sa Garland twaħħal fil-biża'. Persuni b'diżabbiltà huma meqjusa bħala persuni semi-traġiċi fil-bżonn ta' protezzjoni jew bħala każijiet ta' karità li jiddependu mid-donazzjonijiet ta' flus. Allura joħolqu biża' meta jirnexxilhom jidħlu fid-dinja tax-xogħol jew tal-edukazzjoni.

"Hemm biża' reali dwar dak li mhux magħruf," tenniet, "Hemm il-biża' ta' x'se jiġri la persuni b'diżabbiltà jiġu inklużi f'ambjent ta' xogħol, li se jtellfu. Hemm nuqqas ta' għarfien dwar id-diżabbiltà, imma hemm ukoll in-nuqqas ta' xewqa biex dak li jkun isir jaf iktar dwarha. L-impjegaturi jibżgħu meta persuna b'diżabbiltà tidħol fil-kumpanija tagħhom," spjegat.

Dwar x'inhu l-pass li jmiss, is-Sa Garland qalet: "Għandhom ikunu l-istituzzjonijiet stess li jaraw x'inhuma d-drittijiet tagħna u jipprovdulna l-appoġġ meħtieġ, hiex f'forma ta' assistent jew xi tip ta' teknoloġija. Ilna niddiskutu ma' istituti ta' edukazzjoni għolja bħall-Università u l-MCAST biex jitranġaw xi affarijiet ħalli jakkomodaw studenti b'diżabbiltà. Irridu nħarsu lejn soluzzjonijiet biex persuni b'diżabbiltà jitgħallmu.

Tissuġġerixxi x'għandu jsir attwalment: "Jeħtieġ bidla fil-kultura. Meta ġejt Malta 11-il sena ilu kont ixxukkjata bl-ammont żgħir ta' nies b'diżabbiltà li rajt fit-toroq. Irridu ngħixu indipendentament bħall-bqija, kultant b'daqsxejn għajnuna."
Semmiet ukoll in-nuqqas ta' aċċessibbiltà, hiex fiżika jew ta' informazzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' flessibbiltà.

Tkompli tispjega dwar nuqqas ta' aċċessibbiltà ta' informazzjoni, bħal websajts li b'tekniki ta' programmar bażiku jistgħu jsiru aċċessibbli f'qasir żmien. Waqt li din tidher xi ħaġa żgħira, jista' jkollha riperkussjonijiet ikbar: "Studenti b'diżabbiltà jaħsbu – jekk dawn lanqas websajt ma għamlu sew, kif se jipprovdu għall-ħtiġijiet tiegħi fl-edukazzjoni? U jimxu għall-istituzzjoni li jmiss li forsi tagħti kas tal-bżonnijiet tagħhom," qalet id-Direttur Eżekuttiv.

Is-Sa Garland temmen li l-flessibbiltà hi l-aħjar mod kif jingħataw il-korsijiet, speċjalment minħabba li diżabbiltajiet differenti jeħtieġu għajnuniet differenti. Dan jista' jsir billi jintuża l-appoċċ ta' tagħlim disinjat b'mod universali (universal design teaching approach), iktar u iktar jekk fl-istess klassi għandek numru ta' persuni bi bżonnjiet differenti. Dan il-metodu juża bosta mezzi ta' impenn, rappreżentazzjoni u espressjoni. Il-letturi għandhom ikunu wkoll flessibbli fl-assenjamenti jew l-eżemijiet li jagħtu billi jużaw il-linji gwida tat-Tagħlim disinjat b'mod universali (Universal Design for Learning – UDL) li jipprovdu lill-għalliema b'metodi u riżorsi biex jippjanaw lezzjonijiet b'mod flessibli.

Is-Sa Garland temmet tgħid kif dawn il-metodi ta' tagħlim għandhom jiġu mgħallma fil-livell universitarju lill-istudenti li jkunu qed jitħarrġu biex isiru għalliema.